MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 47/2007

A.F. Ellis Limited – numru tar-registrazzjoni tal-kumpannija C3186; u A.F. Ellis (Marble Works) Limited; numru tar-registrazzjoni tal-kumpannija C28161
vs
Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet; u l-Kunsill Lokali tal-lokalita` tal-Birgu

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjetajiet rikorrenti li bih esponew:

1. Illi, in segwitu ghal ‘*award*’ ta’ kuntratt favur taghha, is-socjeta` A.F. Ellis Limited kienet ikkonsenjat lill-intimat Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet – fost affarijiet u konsenji ohra – diversi konsenji ta’ ‘*local hardstone paving slabs*’ fosthom konsenja tat-23 ta’ Frar, 2000 koperta b’*invoice number* 15478 fl-ammont ta’ Lm8633.01 (*delivery order number* 004231 intestata AF Ellis Ltd) u l-ahhar konsenja tas-6 ta’ Marzu, 2000 koperta b’*invoice*

*number* 15479 fl-ammont ta’ Lm4195.34 (*delivery order number* 004250 intestata AF Ellis Ltd); ghal total komplessiv ta’ Lm12,828.35 (tnax-il elf tmien mija u tmienja u ghoxrin lira u hamsa u tletin centezmu);

2. Illi bi zvista meta saru l-konteggi u l-hlasijiet relativi da parti ta’ l-intimati dawn l-*invoices* kienu thallew barra – forsi anke ghaliex dawn l-*invoices* kienu intestati lill-Kunsill Lokali Birgu ossia l-*Cottonera Rehabilitation Project*, minflok *Valletta Rehabilitation Project*; anke jekk finalment il-pagament kellu jinhareg dejjem mid-Direttur tat-Taqsima Xogholijiet;

3. Illi in forza ta’ skrittura iffirmata bejn is-socjetajiet rispettivi, il-kreditu spettanti lil A.F. Ellis Limited ghall-hlas ta’ dawn il-konsenji kien gie assenjat lil A.F. Ellis (Marble Works Limited); u din l-assenjazzjoni kienet giet notifikata lill-intimati *ai termini* ta’ l-artikolu 1471 tal-Kodici Civili b’ittra ufficjali tas-6 ta’ Awissu u tat-23 ta’ Awissu, 2001, fejn l-intimati gew anke mitluba jhallsu l-ammont dovut;

4. Illi l-isforzi kollha tas-socjetajiet attrici ghall-hlas ta’ l-ammont spettanti lilha baqghu ma tawx ir-rizultat mehtieg, izda mill-ammont originarjament in kontestazzjoni, il-konvenuti hallsu biss ammont parzjali u ghad fadal bilanc dovut ta’ sebat elef seba’ mija u sittin lira u disa’ centezmi (Lm7760.09c);

5. Illi s-socjetajiet rikorrenti jridu li dak illi huwa dovut jithallas lil A.F. Ellis (Marble Works) Limited,

Is-socjetajiet rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. tiddikjara li l-intimati jew minn minnhom ghandhom ihallsu lil A.F. Ellis (Marble Works) Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet kreditarji ta’ A.F. Ellis Limited kontra taghkom, is-somma ta’ sebat elef seba’ mija u sittin lira u disa’ centezmi (Lm7760.09c) rapprezentanti l-bilanc ta’ valur ta’ ‘*local hardstone paving slabs*’ konsenjati fid-dati hawn fuq riferiti;

2. konsegwentement tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-imsemmija A.F. Ellis (Marble Works) Limited din is-somma, bl-interessi kummercjali b'effett mid-data ta' kull konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Awissu u tat-23 ta' Awissu, 2001 u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2006, kontra l-intimati.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha l-intimati gew ingunti.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mis-socjetajiet rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li biha espona:

1. Preliminarjament illi d-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogholijiet m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni tar-rikorrenti u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat jirrespingi t-talbiet tas-Socjetajiet rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

3. Illi l-fatturi kollha esebiti mir-rikorrenti huma indirizzati lill-Kunsill Lokali Birgu u jidhru kontrofirmati mill-istess Kunsill.

4. Illi mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti ma tirrizultax il-konnessjoni bejn id-Dokumenti esebiti mar-rikors bhala Dok. A, B u C u l-*invoices* esebiti fir-rikors bhala Dok. D u Dok. G, anke peress illi ghadda certu ammont ta' zmien (ta' bejn erbgha u ghaxar xhur) bejn meta saret l-allegata talba u meta saret il-konsenja relattiva tal-materjal.

5. Illi fil-mertu wkoll, effettivament kien konsenjat inqas materjal minn dak mitlub, ezempju ta' dan huwa Dok. C u dan jirrizulta mill-fatt illi ghalkemm saret talba

ghal materjal ghal Triq Wenzu Dyer din it-triq effettivament qatt ma saret.

6. Illi l-intimat wara struzzjonijiet li rcieva minghand id-Direttur tal-Kuntratti, (dan kif jirrizulta minn Dok. DG2) huwa hallas ghal dak il-materjal kollu li rrizulta konsenjat lill-intimat, kif ukoll ghal dak il-materjal li rrizulta mqieghed u dan wara li ttiehdu l-qisien ta’ dawk it-toroq fejn kienu twettqu xogholijiet ta’ tqeghid bil-materjal fornut mir-rikorrenti.

7. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mid-Direttur Generali tax-Xogholijiet.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Kunsill Lokali tal-Lokalita` tal-Birgu li biha espona:

1. Illi, preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti a bazi ta’ l-Artikolu 2151(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-Rikors Guramentat taghhom huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana *stante* li l-konsenji ta’ “*local hardstone paving slabs”* imsemmija fir-Rikors Guramentat taghhom ma gewx ordnati mill-Kunsill Lokali tal-Birgu pero` jista’ jaghti l-kaz li dawn kienu ordnati mill-*Cottonera Rehabilitation Project* li jaqa’ taht l-intimat l-iehor, id-Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet, u ghaldaqstant il-Kunsill intimat m’ghandu jhallas l-ebda somma lir-rikorrenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-intimat Kunsill Lokali tal-Lokalita` tal-Birgu.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Bezzina, *bank manager*, fejn semma li d-ditta Ellis kienet ghamlet fornitura ta' gebla taz-zonqor fuq ordnijiet tal-*Valletta Rehabilition Committee*. Kienet saret laqgha mmexxija mill-Perit Ray Farrugia. F'dik il-laqgha ssemmew diskrepanzi tal-kejl u l-ammont supplit mid-ditta Ellis. Ir-responsabbilta` tad-ditta Ellis kienet biss li tissuplixxi l-materjal u ma kellha ebda risponsabbilita` dwar il-hazna u l-uzu tal-materjal. Ma sarx qbil dwar l-ammont supplit ghax id-Dipartiment kien ried li jsir hlas a bazi ta' qisien mehudin mill-postijiet ta' fejn kien twahhal il-gebel taz-zonqor, izda b'hekk kien qed jithalla barra materjal mahzun. Issemma wkoll li thalla barra l-*waste* li jirrizulta minn dan it-tip ta' xoghol u li jinkludi wkoll xi tkissir. F'dik il-laqgha s-Sur Ray Bondin kien qal li l-materjal kien ordnat minnhom. Kien gie deciz li kellu jsir kejl mill-gdid.

Gie prezentat affidavit ta' Jacqueline Ellis, *clerk* u segretarja tal-kumpanija fejn semmiet li f'Marzu 2005 kienet saret laqgha fil-bini tal-*Public Works Department* minhabba l-bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti dwar konsenji ta' gebel taz-zonqor li kienu saru bejn is-snin 1998 u 2000 ghal *Republic Street,* Valletta u l-Birgu. F'dik il-laqgha rrizulta li:

- Il-*Works Department* kien kejjel l-ammont ta' gebel taz-zonqor billi kejjel il-kwantita` mit-toroq li kien saru, jigifieri ha l-*area* tat-toroq.

- Id-ditta Ellis kienet responsabbli biss mill-provvista tal-materjal u mhux mit-tqieghed ukoll.
- Semmiet ukoll li Ray Bondin kien qal li l-ammont invoiced kien gust u allura l-pagamenti kellhom jithallsu.
- Meta kien jigi supplit ix-xoghol tal-madum kien ikun hemm *delivery order* iffirmata.
- Ix-xoghol kellu jintuza fil-Birgu ghalkemm ordnat minn Ray Bondin.

- Parti minn din il-konsenja giet imhallsa mill-Works Department ghax kien xoghol ordnat mill-VRP fuq *direct orders* iffirmati minn Ray Bondin.

Meta xehdet semmiet li l-*invoices* intbaghtu l-Kunsill tal-Birgu bi zball ghax suppost intbaghtu lill-*Valletta Rehabilitation Committee*. L-izball ittiehed minhabba li dak iz-zmien kienu qed jaghmlu xi xoghol iehor lill-Kunsill tal-Birgu. Ix-xoghol fil-fatt kien ordnat mill-*Valletta Rehabilitation*.

Xehed Ray Bondin, *Executive Co-ordinator* tar-*Rehabilitation Project* tal-Belt, Cottonera u Mdina u semma li kellhom kuntratt ghal *hardstone* ma' A.F. Ellis u peress li l-materjal kollu ma kienx intuza fil-Belt Valletta kellhom ftehim mal-Ministeru li jaghmlu xi xoghol fil-Birgu u postijiet ohra. It-*tender* ta' Ellis kien biss ghal *supply*. Semma li kien minghalih li saru l-hlasijiet kollha izda fil-fatt xi sena wara tfaccaw zewg *invoices* li ma kienux jafu bihom. Dawn kienu gew konsenjati lill-Kunsill Lokali tal-Birgu, u nfatti l-*invoice* originali kienet mahruga fuq il-Kunsill Lokali tal-Birgu, kif tidher a fol 9 u 12 tal-process. In segwitu dawn l-*invoices* gew mahruga fil-progett ta' riabilitazzjoni. Ma kienx instab il-materjal kollu li kien qed jigi *invoiced*. Semma wkoll fuq diskrepanzi tal-kejl bejn *centimetres* in *inches* izda dan xorta kien gie accettat u kien parti mill-ammont li suppost thallas ghalih. Ivverifikaw tliet darbiet il-materjal li kien tqieghed u dak li hemm fl-imhazen u skond l-ufficjali teknici hallsu ghall-materjal kollu.

Xehed John Boxall, Sindku tal-Birgu u qal li dwar il-pavimentar l-ordni ma jaghmluhiex huma. Huma ma ghmlu ebda ordni u ma jaghrafx il-firma fuq id-dokument a fol 7 tal-process. Fuq fol 9 gharaf il-firma tieghu li kien riferibbli ghal *trailer* mhux ordnat minnhom izda mill-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera u kien hemm haddiem ta' Ellis u qallu li gie z-Zonqor. Kien qal lill-haddiem li minhabba d-diskrepanza bejn centimetri u pulzieri mhux dawk li kienu ordnaw, u l-iehor telaq. Il-materjal ma tnizzilx fuq il-post. Meta mar biex jara l-materjal hu kien gja ffirma u ma jafx x'sar mill-materjal.

Ma jaghrfx il-firma fu id-Dokument a fol 10 waqt li jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokument a fol 12. Il-Kunsill qatt ma gie notifikat b'ittra ufficjali. F'dan il-kaz il-Kunsill ma kien ghamel ebda ordni lil A.F. Ellis u li din l-ordni kellu jaghmel tajjeb ghaliha l-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

Xehed Joseph Ellis, li jahdem mal-kumpanija A.F. Ellis, li semma li l-firem tal-*customer* ma jafx ta' min huma ghax kien jigi xi haddiem u jiffirmalu. Kienu jifthulu l-imhazen.

Semma li hu kien imqabbad mill-Kunsill biex imur bix-xoghol bil-kunsinna l-Kunsill Lokali tal-Birgu. Kien ghamel kuntatt ma' Andrew Vella mill-Kunsill. Kienu jghidulu huma fejn ihott u x-xoghol kien fil-fatt gewwa *sheds* jew kardelli. Semma li gieli ffirmalu Andrew Vella u gieli haddiehor. Semma li mid-dokumenti li ghandu, 11-il kunsinja saru l-Birgu u 20 il-Belt.

Xehed Michael Vella, *Senior Technical Officer* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet u li fl-1996 kien mal-*Valletta Rehabilitation* u rega' kien fl-1999. Fl-1999 kien inkarigat jissorvelja x-xogholijiet fi Triq Kunsill Popolari, Birgu. Il-materjal kien jigi mill-Kunsill tal-Birgu izda wara sar jaf li dan kien l-istess materjal li kien qed jintuza ghall-Belt. Semma li hafna mill-materjal kien jigi storjat Sant'Iermu.

Gie prezentat affidavit ta' Raymond Farrugia, fejn semma li l-kuntratt ta' A.F. Ellis Ltd inghata permezz ta' *Letter of Acceptance* tal-25 ta' Mejju, 1998 li kien jismu *Local Hardstone Paving Slabs for the Rehabilitation Works at Republic Street, Valletta*. Dan il-kuntratt kien inghata mid-Dipartiment tal-Kuntratti u kien progettat li l-Gvern jixtri 950 metru kwadru ta' dan il-materjal. Dak iz-zmien kien jnokkupa l-kariga ta' Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Inginerija fit-Taqsima tax-Xoghlijiet.

Skond kif jirrizulta mid-dokument li gie esebit u mar-rikors bhala Dok. RF2, l-ammont totali certifikat mill-periti kien l-ammont ta' 580.47 metri kwadri, filwaqt li kif jidher mill-istess dokument, il-periti kienu rriggettaw l-ammont ta' 32.5 metri kwadri, rapprezentanti materjal li ma kienx ta' kwalita` tajba. Meta wiehed jara l-pretensjoniiet tas-

socjeta` rikorrenti kif jirrizulta minn dok AFE3, hemm dikjarat li gew konsenjati 649.88 metri kwadri, u cioe` 69.41 metri kwadri (649.88-580.47) aktar milli gew konfermati mill-Periti tal-Gvern. Issa filwaqt illi hemm 32.5 metri kwadri li kienu rigettati mill-periti konsulenti mill-aspett ta' kwalita`, xorta hemm 36.91 metri kwadri aktar li ma qablux dwarhom. Semma wkoll li hemm xi partiti ndikati mis-socjeta` rikorrenti bhala *"unsigned"* u li dawn ma kienux certifikati mill-periti tal-Gvern.

Fl-4 ta' Novembru, 1999 kien gie nfurmat minn Dr. Ray Bondin, dak iz-zmien *Executive Co-ordinator* tal-*Valletta Rehabilitation Project* li kellu approvazzjoni mill-Ministeru biex il-materjal li ma ntuzax fuq il-progett tal-Belt ikun jista' jintuza fuq progetti ohra ta' pavimentar f'siti bhal Birgu, Tarxien, Floriana u Valletta.

Peress li kien mehtieg li dawn ix-xogholijiet li fihom ma kienux involuti l-periti konsulenti riedu jitkejlu, hu nvolva lill-*Quantity Surveying Section* li dak iz-zmien kienet tifforma parti mid-Dipartiment li kien responsabbli ghaliha.

Ir-*records* tal-kejl datati 8 ta' Ottubru, 2002 juru li l-ammont ta' pavimentar li kien gie mkejjel jammonta ghal 721.25 metri kwadri.

Wara li nhatar Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogholijiet f'Novembru 2003, f'laqgha mas-socjetajiet rikorrenti gie diskuss in-nuqqas ta' qbil u kien propju waqt din il-laqgha li rrizultalu li kien ghad fadal xi materjal fl-imhazen li ma tkejjilx. Il-kuntrattur issolleva li ma tkejjilx persentagg ta' *wastage*. Ghalhekk ordna verifiki fl-ammont fl-imhazen ta' Sant'Iermu u accetta li jizdiedu t-3% ghal *wastage* u allura ta ragun lill-kuntrattur f'dan il-kuntest.

Infatti kiteb lid-Direttur Generali tal-Kuntratti ghall-approvazzjoni tieghu biex ihallsu lill-kuntrattur fuq kwantitajiet li issa kienu jaqbzu l-ammonti originali stipulati fil-kuntratt, u l-approvazzjoni fil-fatt giet moghtija ghal Lm5,068.26, li jkopri t-3% *wastage* li fuq l-ammont totali ta' 721.25 metri kwadri li sabu. Jirrizulta l-ammont ta' 21.64 metri kwadri u l-ammont ta' 35.58 metri kwadri li

nstab fl-imhazen ta' Sant'Iermu. Zied li filwaqt li s-socjeta` attrici qed tindika dan il-pagament f'Dok. AFE5 bhala *"on account",* dan il-pagament fil-fatt kien wiehed finali kif jirrizulta mid-Dokument li gie esebit bhala Dok. RF5.

Semma wkoll li ma setax jirrakomanda hlas ghal pagamenti bazati fuq rati zbaljati (ta' Lm47.50 (CET) u Lm51.09 (VAT) ara Dok.AFE3 u AFE4) li ppretenda l-kuntrattur, li jmorru oltre r-rata li kienet stabbilita fil-kuntratt; pagamenti ghal kwantitajiet ta' materjal li gew rigettati jew li meta kienu konsenjati ma kenux iffirmati u li ma kenux certifikati (total ta' 69.41 metri kwadri) mill-Periti Konsulenti; u pagamenti li jkopru d-differenza *total* ta' 77.41 metri kwadri (855.88-778.47), fil-materjal bejn l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ghal Bormla li skond Dok. AFE4 esebit mis-socjeta` attrici jammonta ghal 855.88 metru kwadru.

Gie prezentat affidavit ta' Godfrey McLean, ufficjal pubbliku u ilu assenjat mal-ufficju tas-Sezzjoni tal-*Valleta Rehabilitation Project* fit-Taqsima Xogholijiet sa minn Ottubru 1996 fejn semma li jaghmel l-ipprocessar tal-pagamenti. F'dan il-kaz partikolari, il-hlasijiet li saru taht it-*tender* li jgib in-numru ta' referenza CT 2119/98 (*Contracts Notice No.* 75/98) u l-ittra ta' l-accettazzjoni li ggib referenza LA 161/98 li nharget fil-25 ta' Mejju 1998. Sussegwentement, din ir-rata kienet riveduta minhabba li nbiddlet is-sistema ta' taxxa wara li regghet iddahhlet is-sistema tal-VAT.

Il-kuntrattur qieghed jippretendi hlasijiet aktar milli pattwiti u pprezenta lista tal-pagamenti li saru lill-A.F.Ellis Ltd. fuq dan il-kuntratt kif ukoll kopji relativi tal-*Payment Vouchers*. It-total ta' dawn it-tmien pagamenti, jigi li b'kollox id-dipartiment hallas lill-kuntrattur l-ammont totali ta' Lm65,346.80. Ta' min isemmi wkoll li l-ahhar pagament mahrug mid-Dipartiment fit-3 ta' Jannar 2006 sar wara ezercizzju ta' verifika tal-kontijiet tal-kuntrattur u sar bhala *Final Payment* u dan kif jirrizulta mill-istess *payment voucher* anness fir-rikors u esebit bhala Dok.GM11.

Xehed Joseph Scerri, *Principal Technical Officer* fil-*Quantity Surveillance Section* fid-Dipartiment tax-Xogholijiet u semma li kien gie mqabbad biex ikejjel ix-xoghol li qieghed f'diversi postijiet. Id-Dokiment DG3 a fol 26 tal-process huwa t-total tal-kejl li gie mkejjel fuq il-post f'diversi lokalitajiet.

Xehed Charles Zammit, *Operations Manager* fid-Dipartiment tax-Xogholijiet u semma li dwar Dokumenti AFE3 u AFE4 a fol 71 tal-process dawn huma dwar il-materjal li gie *delivered* il-Belt. Nghid li ahna dwar dan gie *delivered* il-Belt u ma kellhomx problema dwar id-*delivery* tieghu. Zied li ma rcevewhomx il-*Valletta Rehabilitation Project*.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu s-somma ta' Lm7760.09 rapprezentanti bilanc ta' valur ta' local *hardstone paving slabs* peress li dawn gew suppliti mid-ditti rikorrenti li fil-fehma taghhom baqghu ma thallsux.

Min-naha taghhom l-intimati sostnew preskrizzjoni, li ma kenitx saret l-ordni mill-entita` msemmija, li l-hlasijiet saru diga` *in final settlement*, ecc.

***D2. Eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tal-Birgu:***

Fil-kors tal-kawza rrizulta li l-kuntratt ghal-konsenji ta' *local hardstone paving slabs* inghata lis-socjeta` rikorrenti, A.F. Ellis Ltd. mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ma rrizulta ebda kuntratt simili moghti lill-imsemmija socjeta` Kunsill Lokali tal-Birgu. Irrizulta li l-*invoices* mahruga fuq il-Kunsill Lokali tal-Birgu bi zball u dan anke impjegati tas-socjetajiet rikrorenti. Il-hlas ghall-konsenji ta' materjal kien u kellu mid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Illi mid-depozizzjoni ta' Jacqueline Ellis jirrizulta li l-*Acceptance of Tender* ta' A.F. Ellis Ltd. inharget mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ir-rati gew mahruga wkoll mid-Dipartiment tal-Kuntratti u li kien Ray Bondin li kkonfermalhom ir-rati. Eskludiet li kien hemm kuntratt

mal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghalkemm kienu jsiru xi telefonati minn John Boxall. Hi semmiet li "ovvjament kien xoghol mill-VRP fuq *direct orders* iffirmati minn Ray Bondin" u x-xoghol kien ordnat mill-*Valletta Rehabilitation*." Hi stess qalet a fol 221 li huma baghtu l-*invoice* bi zball lill-Kunsill tal-Birgu.

Meta wiehed ihares lejn id-depozizzjoni ta' John Boxall li hu s-Sindku tal-Birgu, dan cahad kategorikament l-involviment dirett mas-socjetajiet rikorrenti. Semma li veru li ntuzaw dawn is-*slabs* fil-Birgu, izda li l-ordni m'ghamluhiex huma u fuq hafna fid-dokumenti m'hemmx firem taghhom ghalkemm semma li xi konsenji gew iffirmati minnhom. Hu qal:
"L-ordni ma konniex naghmluha ahna. Ahna bhala kunsill lokali hdimna direttament ma' AF Ellis. Imma dawn il-kwistjonijiet, jigifieri jekk hemm xi zonqor ta' toroq kienu l-kumitat ta' rijabilitazzjoni. Mhux ahna ghamilna l-*order*."

Ukoll, fl-affidavit ta' Anthony Bezzina huwa rrefera li waqt laqgha bejn is-socjetajiet rikorrenti u d-Dipartiment tax-Xogholijiet dwar il-hlasijiet ta' forniment tal-materjal qal li s-Sur Ray Bondin qal li dal il-materjal kien ordat minnhom.

Mill-affidavit tal-Perit Raymond Farrugia, Direttur Generali tax-Xogholijiet, jirrizulta li l-kuntratt kien inghata mid-Dipartiment tal-Kuntratti u kien progett tal-Gvern. B'ebda mod il-Perit Farrugia ma qal li l-ordnijiet saru mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Dan gja hu sufficjenti biex tigi milqugha t-tieni eccezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Izda l-Qorti xorta wahda sejra tezamina l-aspett ta' preskrizzjoni peress li jista' l-Qorti ta' l-Appell ma taqbilx mal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti fuq dan l-aspett.

***<u>D3. Eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu:</u>***

L-artikolu 2151(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar fornituri eccetera li jissuktaw, jghid illi:-

"Izda, f'kull kaz bhal dan, jekk il-kreditu ghal dawn il-fornituri, kunsinni, xogholijiet, servizzi, jew qadi iehor jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni, hlief bl-eghluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew dik id-dikjarazzjoni."

Irrizulta fil-kors tal-kawza li l-ahhar konsenja ta' materjali kien fis-6 ta' Marzu, 2000, skond l-*invoice* ppresentat mis-socjetajiet attrici numru 4250. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie notifikat b'ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar 2006, cioe` sitt snin wara l-*invoice* imsemmija. Ma rrizultax li kien hemm xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni matul dan iz-zmien, u anqas bl-ebda mod li l-Kunsill accetta li obbligat jaghmel xi hlas.

Ghalhekk l-azzjoni tas-socjetajiet rikorrenti fil-konfront tal-Kunsill Lokali tal-Birgu hi preskritta minhabba li ghaddew aktar minn hames snin mill-ahhar konsenja u notifika ghall-pagament, liema pagament qatt ma gie accettata bhala pagament li kien responsabbilita` tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Ghalhekk tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-Kunsill Lokali.

***D4. Hlas ta' zewg konsenji ammontanti ghal Lm7,760.09:***

Is-socjetajiet rikorrenti sostnew li in ezekuzzjoni tal-kuntratt ta' *supply and delivery ta' local hardstone paving slabs for rehabilitation works at* Republic Street, Valletta is-soċjetà rikorrenti għamlet żmien tikkonsenja dan it-tip ta' materjal skont struzzjonijiet tad-Direttur Generali. Ir-rikorrenti jsostnu li huma tħallsu għall-konsenji kollha li huma wettqu b'eċċezzjoni ta' żewġ konsenji partikolari, u huma dawn iż-żewġ konsenji li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawża.

Ir-rikorrenti ziedu li meta rrealizzaw bil-problema l-ewwel darba r-rikorrenti kien għad fadlilhom jitħallsu tas-segwenti konsenji:

| Invoice No. | Data | Ammont |
|---|---|---|
| 15621 | 31/12/1999 | Lm370.67 |
| 15620 | 31/12/1999 | Lm384.27 |
| 15479 | 6/3/2000 | Lm4195.34 |
| 15478 | 23/2/2000 | Lm8633.01 |
| Total | | Lm13,583.20c |

In segwitu, wara diversi ittri u diskussjonijiet thallsu s-somma ta' Lm5,086.26 u ghalhekk qed jitolbu bilanc fir-rikors guramentat ta' Lm7,760.09.

Naturalment is-socjeta` rikorrenti kellha l-obbligu li twassal il-materjal fuq il-post u tikkonsenjah u li jkollha provi dwar dan.

Ir-rikorrenti sostniet li:
"Fir-rigward tal-persuna li tkun irċeviet il-konsenja, l-esponenti tispjega li tali persuna ġieli kienet:
i. il-persuna responsabbli fil-Kunsill Lokali tal-Birgu (Alister, jew A. Vella, jew J. Borg, jew persuna oħra li l-firma tagħha l-esponenti ma għarfuhiex imma li, skont ix-xhieda tas-Sur John Boxall tat-28 ta' Mejju 2007, tirriżulta li hija tiegħu); Dan kien isir peress li, kif sejjer jiġi spjegat iktar 'il quddiem f'din in-nota, parti mill-materjal kellha titpoġġa fil-Cottonera u kien il-Kunsill Lokali l-persuna inkarigata sabiex tirċevi dak il-materjal;
ii. impjegat jew *foreman* tal-Gvern (Tony Bonnici, jew Anthony Spiteri)
iii. impjegat tas-soċjetà Agius Marble Works (K. Agius) peress li dik is-soċjetà kienet inkarigata biex tikkonsenja l-*hardstone slabs* f'isem Av.Ellis Ltd. lil *Valletta Rehabilitation Project*;
iv. l-i*storekeeper* jew persuna oħra responsabbli (Ray Bondin, S. Bonello jew persuna li l-firma tagħha ma tintgħarafx) meta x-xogħol kien jitwassal fin-Notre Dame Ravelin, Floriana."

Min-naha ta' l-intimat Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet, dan jirreferi ghall-artikolu 1346 tal-Kap 16 fuq il-bazi li l-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra

tintrabat li tħallas lilha. Jirreferi ghall-ittra ta' aċċettazzjoni maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti (a fol 22 tal-process) u korrispondenza maħruġa mis-soċjeta` A.F. Ellis Limited li din ir-rata kienet aċċettata mis-socjeta` rikorrenti.

Dwar iz-zieda fil-prezz pretiża mir-rikorrenti, id-Direttur Generali Taqsima Xogholijiet sostna li din ma ġiet sostanzjata b'ebda mod, anzi anqas setgħet tiġi spjegata meta kienu mistoqsija dwarha u rrefera ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **Emanuel Mifsud vs Paul Abela** fejn il-Qorti rriteniet:
"Illi meta wieħed għalhekk jikkunsidra s-suespost u jieħu kont tal-fatt li l-prezzijiet kienu soġġetti għal varjazzjoni fil-prezz, kien allura jispetta maġġorment lill-attur biex iforni l-prova dwar jekk iż-żieda minnu mitluba kenitx 'wara ż-żmien tal-kuntratt jew le… Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti qieset illi l-attur ma rnexxilux jagħmel il-prova msemmija fl-aħħar sentenza tas-silta appena ċitata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sottomissjoni in eżami ta' l-attur ma tistax titqies valida;"

Irrefera wkoll ghall-artikolu 1348 tal-Kap 16, u li

"1348. (1) … u il-proprjetà ma tgħaddix għax-xerrej u l-ħwejjeġ mibjugħa jibqgħu għar-riskju tal-bejjiegħ, sakemm ma jiġux miżuna, magħduda jew imkejla."

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tezamina dettaljatament ix-xhieda moghtija mill-Perit Ray Farrugia li fil-fehma tal-Qorti ghamel evalwazzjoni preciza u dettaljata.

Dan isemmi li:

- Il-kuntratt ta' A.F. Ellis Ltd. inghata permezz ta' *Letter of Acceptance* tal-25 ta' Mejju, 1998 li kien jismu *Local Hardstone Paving Slabs for the Rehabilitation Works at Republic Street, Valletta*.
- Kien progettat li l-Gvern jixtri 950 metru kwadru ta' dan il-materjal.
- L-ammont totali certifikat mill-periti kien l-ammont ta' 580.47 metri kwadri, filwaqt li kif jidher mill-istess dokument, il-periti kienu rriggettaw l-ammont ta' 32.5 metri

kwadri, rapprezentanti materjal li ma kienx ta' kwalita` tajba.

- Mill-pretensjoniiet tas-socjeta` rikorrenti jinghad li gew konsenjati 649.88 metri kwadri, u cioe` 69.41 metri kwadri aktar milli gew konfermati mill-Periti tal-Gvern.
- Ukoll hemm 32.5 metri kwadri li kienu rigettati mill-periti konsulenti mill-aspett ta' kwalita`, u xorta hemm 36.91 metri kwadri aktar li ma qablux dwarhom.
- Semma wkoll li hemm xi partiti ndikati mis-socjeta` rikorrenti bhala *"unsigned"* u li dawn ma kienux certifikati mill-periti tal-Gvern.
- Wara li kien rega' ordna verifiki fl-ammont fl-imhazen ta' Sant'Iermu u accetta li jizdiedu t-3% ghal *wastage* u allura ta ragun lill-kuntrattur f'dan il-kuntest.
- Kiteb lid-Direttur Generali tal-Kuntratti ghall-approvazzjoni tieghu biex ihallsu lill-kuntrattur fuq kwantitajiet li issa kienu jaqbzu l-ammonti originali stipulati fil-kuntratt, u l-approvazzjoni fil-fatt giet moghtija ghal Lm5,068.26, li jkopri t-3% *wastage* li fuq l-ammont totali ta' 721.25 metri kwadri li sabu.
- Jirrizulta l-ammont ta' 21.64 metri kwadri u l-ammont ta' 35.58 metri kwadri li nstab fl-imhazen ta' Sant'Iermu.
- Ma setax jirrakomanda hlas ghal pagamenti bazati fuq rati zbaljati (ta' Lm47.50 (CET) u Lm51.09 (VAT) ara Dok.AFE3 u AFE4) li ppretenda l-kuntrattur, li jmorru oltre r-rata li kienet stabbilita fil-kuntratt;

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Settembru, 2011, fl-ismijiet **Joseph Tabone vs Aldo Abela eżerċenti n-negozju bħala Abela Woodworks,** il-Qorti ċċitat parti mis-sentenza ta' l-Qorti tal-Kummerċ mogħtija fid-9 ta' Marzu, 1939 fil-kawża **Micallef vs Mamo *et noe*** (Vol XXX.III.433), li wkoll hi rilevanti għall-każ in eżami u qalet hekk:

" …il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju taċitu….Meta d-difett ikun essenzjali, l-kommittent għandu dritt jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba inadempjenza. Meta għal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jiġi

ritenut inadempjenti pero` jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaċċetta riduzzjoni."

Illi ghalhekk il-Qorti ma thossx li tista' tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-eccezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu billi dan ma ghamel ebda ordni dwar is-*slabs* imsemija.

Tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-Kunsill Lokali bazata fuq l-artikolu 2151(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li gie konsenjat anqas materjal minn dak mitlub u li d-Direttur tal-Kuntratti hallas ghall-materjal li rrizulta konsenjat.

Naturalment tichad it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti.

Il-Qorti ma tistax pero` ma tesprimix il-fatt li s-sistema adoperata mill-partijiet dwar konsenja u ffirmar ma kienet xejn felici u possibbilment kienet hi li wasslet ghall-intavolar tal-kawza, u dwar liema nuqqasijiet iridu jirrispondu kemm is-socjetajiet rikorrenti kif ukoll id-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogholijiet, u ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqsam l-ispejjez bhala zewg terzi (2/3) ghas-socjetajiet rikorrenti u terz (1/3) ghad-Direttur Generali Taqsima tax-Xogholijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------